MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Numru. 1200/2008

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Emanuel Difesa, iben Carmel, imwieled Valletta fil-31 ta' Diċembru, 1945

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-3 ta' Novembru, 2008 għal habta tal-4.30 p.m. ġewwa Triq id-Drama, Ħal-Qormi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fuq apparat elettroniku għad-dannu ta' John Zammit, liema ħsara ma tiskorriex l-€1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
2. talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża lil John Zammit li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' John Zammit skond l-artikolu 382A et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu, 2009 fejn il-partijiet qablu li l-ħsara li ġarrab John Zammit hi ta' €427.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-LIġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €427 danni lil John Zammit fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------